# FIL-PREŻENZA TAL-IMGĦALLEM TAGĦNA

*Riflessjoni tal-Isqof Mario Grech lis-saċerdoti tad-djoċesi miġbura għal nofstanhar ta' spiritwalità*
*Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb*
*Is-Sibt, 26 ta' Novembru 2011*

## L-Ittra Pastorali tal-Avvent

Huwa fatt li llum sar għandna wisq kunfidenza ma' Alla. Il-mentalità tal-abitudini li nitkellmu minnha aħna l-Isqfijiet fl-Ittra Pastorali għal dan l-Avvent tidher ukoll fil-mod kif nittrattaw dak li huwa sagru. Meta lil Alla nidrawh iżżejjed, hemm il-periklu li ma nibqgħux nirrelataw miegħu bħala Alla u nwarrbu kull reverenza li għandu jkollna lejh. Imbagħad mhux biss nibdew nilagħbu ma' Alla, imma wkoll nilagħbuha ta' alla.

B'differenza mill-ittri pastorali li niktbu f'okkażjonijiet oħra, din l-Ittra hija waħda programmatika għax fiha qed nindikaw linji pastorali. Fiha aħna l-Isqfijiet nippruvaw naqraw ir-realtà ta madwarna u nipproponu viżjoni. F'ċertu sens din l-Ittra hija l-ewwel kapitlu; jonqos jinkitbu kapitli oħrajn li jittrattaw aktar x'għandna nagħmlu fil-prattika biex negħlbu din il-marda tad-drawwa u kif ser jitwettaq it-tiġdid. Imma dawn il-"kapitli" irridu niktbuhom "flimkien". Ma nistgħux ma ninvolvux il-bażi.

Għalhekk nipproponi li dan id-dokument jiġi mfasdaq l-ewwel u qabel kollox fil-*presbiteria* parrokkjali u fil-Kunsilli Parrokkjali. Nistqarr magħkom li għalkemm l-Ittra hija miktuba għall-Knisja kollha, l-ewwel u qabel kollox hija "ħobż" għall-operaturi pastorali; anzi, hemm xi punti li huma materja tagħna s-saċerdoti! Napprezza ħafna jekk tikkomunikawli punti prattiċi frott ta' dawn id-diskussjonijiet.

Kif naffermaw fl-Ittra Pastorali, "neħtieġu t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu" (Titu 3:5). « Dak l-Ispirtu li xeħet id-dell tiegħu fuq Marija ta' Nażaret u bil-qawwa tiegħu hija nisslet fi ħdanha l-Kelma, … huwa l-istess Spirtu ta' Alla li llum, jekk nifthu qalbna għalih, jagħmel li l-Kelma ta' Alla tgħammar fi qlubna u hekk jipprovdilna gwida żgura għat-tfassil ta' ħajjitna. Imbagħad, kif jikteb Missierna San Pawl, "meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid" (2Kor 5:17). Imma biex nilqgħu l-Kelma ta' Alla, tinżel fil-ġewwieni tagħna u nagħmluha tagħna, irridu nkunu miftuħin għall-Ispirtu tas-Sewwa. »

## Il-primat ta' Alla

Fi kliem ieħor, huwa imperattiv li f'waqtu u barra minn waqtu nippritkaw "il-primat ta' Alla", għax il-futur tas-soċjetà u tal-Knisja jiddependi ħafna minn din il-verità. Ma nistgħux ma nirkuprawx dan il-primat t'Alla fil-ħajja tagħna għaliex dan huwa l-kriterju kif jgħinna niskopru aħna min aħna. L-esperjenza tixhdilna li meta s-soċjetà tagħna warrbet lil Alla jew sempliċement "ipprivatizzatu", ma tantx irreġistrajna progress!

Kif stqarr ftit ilu l-Papa Benedittu XVI, "fiż-żminijiet tagħna, meta f'żoni kbar tad-dinja hemm il-periklu li l-fidi tintefa bħal fjamma li m'għandhiex żejt, il-prijorità li tiġi qabel

kollox (*la priorità che sta al di sopra di tutte*) hija li nagħmlu lil Alla preżenti f'din id-dinja u lill-bnedmin niftħulhom l-aċċess għal Alla. Mhux għal kull xorta ta' alla, imma għal dak Alla li tkellem fuq is-Sinaj, għal dak Alla li nistgħu nagħrfuħ għax ħabbna sal-aħħar f'Ġesù Kristu msallab u mqajjem mill-mewt. Hemm bżonn nwaslu lill-bnedmin għand Alla li kellimna fl-Iskrittura: din hija l-prijorità suprema u fundamentali tal-Knisja u tas-Suċċessur ta' Pietru f'dan iż-żmien" (10 ta' Marzu 2009).

Jekk din hija "prijorità suprema u fundamentali tas-Suċċessur ta' Pietru f'dan iż-żmien", kemm għandha tkun prijorità għalija bħala Ragħaj ta' din il-merħla!

**L-imħabba għal Kristu**

Imma din il-verità tal-primat t'Alla fil-ħajja tal-bniedem, aħna s-saċerdoti hemm bżonn intennuha lilna nfusna! Meta jitkellem dwar il-mistiċi, San Girgor Nissenu jikteb li dawn għandhom irawmu fihom "sentiment ta' preżenża" quddiem Ġesù. Aktar milli fidi fil-preżenza, dan ifisser li għandu jkollhom il-perċezzjoni kważi fiżika tal-preżenza tal-Mulej, daqslikieku jarawh preżenti magħhom. Dak li jgħodd għall-mistiċi għaliex m'għandux ixennaq lilna s-saċerdoti li, jekk m'aħniex mistici, żgur li aħna "mistagoġi", fis-sens li għandna l-missjoni li ngħinu lill-bniedem jidħol fil-preżenza ta' Alla u ta' Kristu?

Huwa fatt li skont il-liturġija tal-Knisja, aħna niċċelebraw it-twaqqif tas-saċerdożju ministerjali fil-festa ta' Ħamis ix-Xirka, peress li fl-aħħar ċena Ġesù qal lill-appostli: "agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Imma hawnhekk għandna biss l-aspett sagrifikali u liturġiku tas-saċerdot! Hemm min iżomm li Ġesù waqqaf is-saċerdozju proprju meta wara lejl talb "għażel tnax li semmiehom appostli biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jipprietkaw" (Mk 3,14). L-essenza tal-ministeru tagħna s-saċerdoti mhix l-attività imma "li nibqgħu miegħu" – li nkunu fil-preżenża tiegħu. Għax mingħajr din l-għaqda intima ma' Ġesù, l-istess ħidmiet pastorali tagħna, fi kliem San Bernard, isiru "maledette occupazioni". Nibża' li minn dawn għandna mhux ħażin! Ngħid għalija nnifsi li għandi bżonn noqgħod attent biex ma nħallix l-impenji "tajbin" jaħtfuni u mbagħad ma nsibx spazju f'ħajti biex inkabbar fija "is-sentiment tal-preżenza".

Qabel ma jafda missjoni lil Pietru, Ġesù jistaqsih: "tħobbni int?.... Irgħa n-nagħaġ tiegħi". Dan juri li l-azzjoni pastorali tagħna hija l-espressjoni prattika tal-imħabba tagħna għal Kristu. Dak li jagħmel id-differenża bejn saċerdot funzjunarju jew *manager* u s-saċerdot qaddej ta' Ġesù Kristu hija l-imħabba lejH. Il-qalb tas-saċerdot titkebbes bl-imħabba biss jekk tagħraf tkun fil-preżenza tiegħU.

Aħna s-saċerdoti nistgħu nitkellmu dwar Ġesù jekk inkunu nitkellmu ma' Ġesù! L-eżempju ta' Don Camillo ta' Guareschi huwa qawwi: huwa kien jitkellem b'vuċi għolja ma' Ġesù Kurċifiss dwar il-problemi li kien ikollu fil-parroċċa, mas-sindku, eċċ. Anke jekk jistgħu jgħodduna mġienen, m'għandniex nibqgħu lura li nitkellmu b'vuċi għolja mal-Imgħallem li hu verament preżenti fostna.

Il-problema tagħna hija dejjem kif ser insibu jew nagħmlu l-ħin għal dawn id-djalogi ma' Ġesù. Darba kien hemm *lecturer* li mela kontenitur tal-ħġieġ bi blalen mdaqqsin tal-ħġieġ. Imbagħad staqsa lill-istudenti fl-awla tal-università jekk fil-fehma tagħhom il-kontenitur kienx mimli! Ir-risposta kienet ovvja: iva! Però l-*lecturer* kompla jimla l-kontenitur biż-żrar! Kien fadal spazju għar-ramel u fl-aħħar żied l-ilma! It-tagħlima ta' din l-istorja hija illi kieku l-*lecturer* ma qiegħedx il-blalen l-kbar l-ewwel, ma kienx ikollu wisa' fejn ipoġġihom ladarba l-kontenitur kien mimli b'affarijiet oħra!

Anke aħna s-saċerdoti rridu nitgħallmu npoġġu fil-kontenitur tal-ministeru tagħna dak li jiġi l-ewwel! Fi kliem San Pietru, "aħna nagħtu ruħna għat-talb u l-predikazzjoni" (Atti 6,4). Dawn huma l-"blalen" il-kbar tagħna! Jekk il-programm ta' ħajjitna nimlewh b'għadd ta' affarijiet żgħar, imbagħad ma nkunux nistgħu ninfilsaw "il-blalen il-kbar" li semmejna! Għandna l-ewwel inpoġġu dak li għandu l-prijorità!

**Il-Kelma u l-Ewkaristija**

F'dan il-kuntest, nixtieq nagħmel żewġ proposti oħra:

L-ewwel nett li jibdew jiltaqgħu gruppi ta' saċerdoti, possibilment fil-parroċċa, biex jagħmlu l-*lectio divina*. Jekk fil-pjan pastorali tad-djoċesi din qed tiġi proposta lill-poplu t'Alla, għaliex ma għandhiex tkun ukoll proposta għalina ? Jekk il-ministeru tagħna huwa l-predikazzjoni tal-Kelma, għaliex m'għandniex inkunu wkoll minn dawk li nisimgħu u nirriflettu l-Kelma flimkien bħala *presbiteria*?

Imbagħad nitħeġġu aktar biex l-Ewkaristija tkun iċ-ċentru tal-ħajja tagħna s-saċerdoti! L-adorazzjoni ewkaristika ma tistax ma tkunx parti mill-programm tat-talb tagħna ta' kuljum. Konvinti mill-qawwa li nistgħu nirċievu mill-Ewkaristija, nawgura li s-saċerdoti ikebbsu fihom "is-sentiment tal-preżenza" u hekk ikunu "adoraturi" ta' Ġesù preżenti bid-divinità u l-umanità tiegħu fl-Ewkaristija. F'dan il-kwadru nixtieq li possibilment f'kull parroċċa jkun hemm "kappella tal-Ewkaristija", distinta mill-knisja, li tibqa' miftuħa 24 siegħa kuljum matul il-ġimgħa kollha – hekk nagħtu l-opportunità lis-saċerdoti, reliġjużi u lajċi li joqogħdu kemm iridu u x'ħin iridu fil-preżenza ta' Ġesù.

F'dan iż-żmien tal-Avvent, li huwa żmien immarkat bil-preżenza ta' Marija, Omm is-Saċerdot il-Kbir, inqiegħed lis-saċerdoti tagħna taħt il-ħarsien matern tagħha.